KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

BORMLA
*Citta' Cospicua*

MINUTI

`

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

# Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 98/2019

12 ta' Frar, 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Ivan Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier

**ASSENTI:**
Antonia Perini - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

**98.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

98.1.1 Ma kienx hemm

**98.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

98.2.2 Il-minuti ta' seduta numru 97 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

98.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

98.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**98.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

98.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi progett ta' community gardens li l-Kunsill Lokali kien qieghed jevalwa li jimplimenta fiz-zona ta' Kwartier San Nikola u dwar diskussjonijiet li kien hemm b'konnessjoni ma' proposta ta' zewg progetti mill-Ministeru ghall-Ambjent

98.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'diskussjonijiet li kienu inzammu b'konnessjoni ma' Integration Charter li l-Gvern Centrali kien qieghed jevalwa li jimplimenta fuq skala nazzjonali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kien hemm xi temi illi l-Kunsill Lokali kien qieghed diga' jimplimenta.

98.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi sa tmiem Frar 2019, kien ser ikun qieghed jigi ffirmat kuntratt mal-Awtorita' tal-Ippjanar ghall-iffinanzjar ta' progett fil-lokalita' permezz tal-iskema *Development Planning Fund.*

**98.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

98.4.1 Ma kienx hemm.

**98.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

98.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru02/19) ghall-approvazzjoni.

98.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri issekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

98.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista’ ta’ petty cash mahrug matul ix-xahar Jannar 2019 ghall-approvazzjoni.

98.5.4 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**98.6 Sqarrijiet Finanzjarji 2018 ( mhux awditjati)**

98.6.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji ghas-sena 2018 hekk kif imhejji mill-*accountant* tal-Kunsill Lokali bl-asstisenza tal-amministrazzjoni. Is-Sa. Zerafa Civelli stiednet lill-accountant tal-Kunsill Lokali biex tispjega fid-dettall l-imsemmi dokument.

98.6.2 L-accountant ghadiet sabiex taghti spjegazzjoni dettaljata tal-istqarrijiet finanzjarji ghas-sena 2018 li kienet hejjiet. Hija sahqet kif is-sitwazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet wahda stabbli. L-accountant ziedet tghid illi minkejja li s-sena fianzjarja kienet inghalqet b’deficit ta’ aktar minn €100 000 dovut ghal zieda sostazjali fid-diprezzament (marbuta ma’ sistema gdida ta’ accounts), l-infiq tal-Kunsill Lokali kien bejn wiehed u iehor konformi mal-estimi finanzjarji ghall-istess sena.

98.6.3 Wara li l-accountant tal-Kunsill Lokali wiegbet domandi li sarulha mill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni ta’ Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mill-Kunsillier Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-istqarrijiet finanzjarji ghas-sena 2018 hekk kif imressqa fuq il-mejda.

**98.7 Stqarrijiet Finanzjarji Awditjati ghas-sena 2018 ( Peppi Delceppo)**

97.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu thejjew l-istqarrijiet finanzjarji tal-*Joint Venture* li l-Kunsill Lokali kellu ma’ VBGL b’konnessjoni ma’ grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, matul l-2018 ma kien hemm ebda transazzjonijiet finanzjarji u ghaldaqstant kienet qieghda tipproponi li l-imsemmija stqarrijiet finanzjarji jigu approvati hekk kif imressqa. Is-Sa. Noyah Spiteri ssekondat il-proposta tas-Sindku, bl-istqarrijiet finanzjarji jigu approvati b’votazzjoni unanima.

## 98.8 Vetturi tal-Kunsill Lokali

98.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kellha diskussjoni mas-Segretarju Ezekuttiv dwar l-uzu tal-vetturi tal-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kien gie diskuss il-fatt illi zewg vetturi elettrici li l-Kunsill Lokali kien jiddisponi minnhom u li kienu jiswew ghexieren ta' eluf ta' ewro kienu qieghdin jigu utilizzati mill-haddiema assenjati sabiex igorru ghodod u materjal iehor waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Minhabba n-natura tax-xoghol in-kwistjoni, l-istess vetturi kienu qieghdin jigu mgharrqa u kemm il-darba kienu ser jibqghu jintuzaw ghax-xogholijiet imsemmija, l-istat taghhom kien ser jiddeterjora. Is-Sindku fakkret kif l-istess vetturi kienu jigu utilizzati ghas-servizz Bormla Inter-city transport li l-Kunsill Lokali kien joffri u ghaldaqstant fl-opinjoni taghha kien essenjzali jinzammu fi stat tajjeb. Filwaqt li rrimarkat il-fatt li Bormla Inter-city transport kien ser jigi offrut kwotidjanalment u ghaldaqstant il-vetturi elettrici kienu ser ikunu qieghdin jigu uzati kuljum ghas-servizz imsemmi, hija sahqet illi bi qbil mas-Segretarju Ezekuttiv kienet qieghda tipproponi illi tinxtara vettura kummercjali zghira *(panel van)*. Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stimi ghal vetturi kummercjali zghar li kienu ngabru mill-amministrazzjoni bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun iggwidat dwar l-ispiza li r-rakkomandazzjoni tas-Sindku kienet iggorr maghha.

98.8.2 Segwiet diskussjoni libera li matulha filwaqt li gie diskuss l-ammont ta' fondi li l-Kunsill Lokali kellu jalloka ghall-vettura msemmija gew evalwati l-offerti li kien ircieva l-Kunsill Lokali. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondata mis-Sur James Cauchi, u b'votazzzjoni unanima, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jispezzjona zewg vetturi tal-ghamla Peugeot li l-istima taghhom kienet tammonta ghal €5900 u €6000 ( offerta numru 3 u offerta numru 6)

## 98.9 Grawnds Peppi Delceppo

98.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa semmiet kif fir-rigward, apparti li kien inhareg il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar, il-Kunsill Lokali kien ippublika sejha ghall-offerti u kienu waslu fil-fazijiet finali id-diskussjonijiet bejn negozjanti provati ghat-trasferiment tal-pussess.

## 98.10 Bormla Inter-city Transport

98.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif maqbul permezz tal-posta elettronika, il-Kunsill Lokali kien qieghed jaghmel l-arrangamenti mehtiega sabiex

minn progett pilota ta' tlett ijiem fil-gimgha, Bormla Iner-city transport jibda' jigi offrut lir-residenti kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-progett kien ser ikunu qieghed jigi varat ufficjalment permezz ta konferenza ghall-istampa f'Bacir numru 1 li ghaliha kienu ser ikunu prezenti l-Onor Ministru Dr. Ian Borg flimkien mal-Onor. Segretarju Parlamentari, is-Sur Silvio Parnis fost l-ohrajn.

**98.11 The Cospicua Short Play Festival 2019**

98.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kienet intalbet stima, kien gie ordnat ix-xoghol ta' kordinament tal-attivita' minghand Twist Media & Entertainment. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kienu diga' inzammu numru ta' laqghat relatati ma' arrangamenti logistici. Is-Sa. Zerafa Civelli temmet tghid illi kemm il-darba ma kienx hemm oggezzjonijiet mill-Kunsilliera prezenti, it-tieni edizzjoni tal-Cospicua Short Play Festival kienet ser tkun qieghda tittella' bejn nhar il-Gimgha 30 t'Awissu 2019 u l-Hadd 1 ta' Settembru 2019. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera dwar id-dati proposti.

**98.12 Applikazzjonijiet ghal reklamar fuq ghamara tat-toroq**

98.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu waslu applikazzjonijiet minn zewg kumpaniji ghal reklamar fuq ghamara tat-toroq skont bye-law li l-Kunsill Lokali kien adotta fil-lokalita'. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-applikazzjonijiet kellhom jintbaghtu b-email lill-Kunsilliera bil-ghan illi jkunu jistghu jigu diskussi u eventwalment approvati.

**98.13 Servizz ta' gbir ta' skart riciklabbli**

98.13.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi permezz ta' Cirkolari numru 03/2019 id-dipartiment ghall-Gvern Lokali kien habbar il-procedura li kellha tigi adottata fl-ghazla ta' wahda mill-iskemi awtorizzati sabiex tigbor l-iskart separat.

98.13.2 Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi l-kuntratt li kellu l-Kunsill Lokali kien maghluq u ghaldaqstant kienet qieghda tirrakkomanda illi minnufih tigi applikata l-procedura sabiex il-Kunsill Lokali jircievi offerti u eventwalment ikun jista' jigi ffirmat kuntratt gdid ma' wahda miz-zewg skemi awtorizzati. Filwaqt li kien hemm qbil mal-proposta tas-Sindku gie deciz ukoll illi l-Kunsill Lokali kellu jinforma liz-zewg skemi illi prijorita' kienet ser tkun qieghda tinghata lill-iskema li toffri l-gbir ta' skart darbtejn f'gimgha preferibilment kull nhar ta' tlieta u nhar ta' Gimgha.

**98.14 Sejhiet ghall-offerti**

98.14.1

**97.15 Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss**

97.15.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-8:15 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 12 ta' Frar 2019 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum 5 ta' Marzu, 2019

IFFIRMATA
___________________
**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

IFFIRMATA
_______________________
**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv